MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 391/1997/1

**FXB Limited**

**Vs**

**Josephine Grech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-28 ta' Frar, 1997, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuta illi thallasha s-somma ta' mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm241.55) ammont dovut mill-konvenuta ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata ta' Jannar, 1997, u bl-imghax mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Fl-ewwel lok, l-Avviz kif intavolat mhux integru skond il-ligi billi huwa vag wisq kemm ghal dik li hija identifikazzjoni ta' l-allegat 'bejgh u konsenja ta' merkanzija', kif ukoll billi m'hemm ebda riferenza ghal meta allegatament sar tali 'bejgh u konsenja ta' merkanzija', u ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju sakemm l-atti jigu rregolati, u minghajr pregudizzju ghal kwalsijasi azzjoni ohra li l-istess konvenuta tista' legalment tiehu.
2. Illi m'hemm ebda riferenza ghad-data ta' l-Ittra Ufficjali msemmija fl-Avviz odjern, u f'kull kaz tali Ittra Ufficjali ghandha tigi esebita fid-dawl tal-gurisprudenza moghtija mill-Qrati Maltin.
3. Illi minghajr pregudizzju, m'huwa minnu xejn li l-konvenuta ghandha taghti l-ammont indikat lis-socjeta' attrici, kif jigi mfisser fil-mori tal-kawza u fid-dawl tal-Kontro-Talba li qeghda kontestwalment tigi pprezentata ma din in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet da parti tal-konvenuta.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat il-Kontro-Talba tal-konvenuta fejn talbet:

1. Premess illi l-konvenuta kienet ordnat minghand is-socjeta' attrici kcina li kellha tigi nstallata fir-residenza taghha, u cioe' fi Plot 23, L'Arche, Salvu Bonanno Street, San Gwann SGN 02, liema xoghol attwalment sar, pero' ma sarx skond l-arti u s-sengha, u ghalhekk il-konvenuta nsistiet diversi drabi, kemm verbalment, kemm permezz ta' ittri interpellatorji, kif ukoll ittri gudizzjarji biex is-socjeta' attrici, a spejjez taghhom, jirrimedjawlha x-xoghol hazin li nstallawlha fil-kcina tar-residenza taghha.
2. Premess illi ma' l-ordni tax-xoghol, il-konvenuta kienet giet mitluba thallas depozitu ta' mitt lira Maltin (Lm100), liema depozitu l-konvenuta hallset fil-pront.
3. Premess illi, malloi x-xoghol gie nstallat, il-konvenuta mill-ewwel indikat lis-socjeta' attrici li x-xoghol lilha fornut ma kienx sar skond l-arti u s-sengha, u tablet rimedju adegwat fic-cirkostanzi, liema rimedju naqas sal-lum li jinghata, u ghalhekk fid-dawl tal-kawza da parti tas-socjeta' attrici, l-konvenuta odjernament qeghda taghmel dina l-Kontro-Talba taghha.

4. Tghid ghalhekk is-socjeta’ attrici FXB limited ta’ “The Emporium” Rue D’Argens, gewwa l-Imsida, ghala l-istess socjeta’ attrici m’ghandhiex tkun ikkundannata li tipprovdi rimedju ghax-xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha nstallat minnha fir-residenza tal-konvenuta, u dana a spejjez kompletament ta’ l-istess socjeta’ attrici, inkluz id-danni konsegwenzjali li gew ikkagunati lill-konvenuta, liema pretenzjonijiet da parti tal-konvenuta globalment ma jeccedux is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000).

Bl-ispejjez kollha, nkluzi dawk gudizzjarji u extra-gudizzjarji, fosthom ta’ l-ittra interpellatorja ta’ nhar it-Tnejn, 5 t’Awissu, 1996, ta’ l-ittra gudizzjarja ta’ nhar it-Tnejn, 26 t’Awissu, 1996, ta’ l-ittra interpellartorja tas-16 ta’ Lulju, 1996. kif ukoll tal-korrispondenza maghmula mill-konvenuta datata 31 ta’ Lulju, 1995, tad-9 ta’ Novembru, 1995 u tal-15 ta’ Mejju, 1996.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici ghall-Kontro-Talba tal-konvenuta liema socjeta’ eccepiet:

1. Illi l-konvenuta ordnat wicc tal-kcina tal-granit (kitchen worktop) minghand is-socjeta’ attrici
2. Illi s-socjeta’ attrici ordnat dan l-oggett minghand is-socjeta’ Hal Mann Limited u kkonsenjat l-istess wicc tal-kcina lill-konvenuta.
3. Illi l-merkanzija kkonsenjata lill-konvenuta mis-socjeta’ Hal Mann Limited hija ta’ kwalita’ tajba u kull xoghol li sar kien skond is-sengha u l-arti.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost irid jinghad illi s-socjeta’ attrici la mmanifatturat u lanqas ikkonsenjat il-merkanzija ordnata lill-konvenuta u ghalhekk ma jistax jinghad li xi xoghol li sar minnha ma sarx skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk, it-talbiet tal-konvenuta ghandhom jigu michuda.
5. B’riserva ta’ eccezzjonijet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Lulju, 1997, fejn innominat lit-tekniku Dr Alex Torpiano sabiex jirrelata dwar it-talbiet tas-socjeta’ attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;

Rat ir-revoka ta’ din in-nomina b’digriet ta’ l-14 ta’ Dicembru, 1998; u n-nomina ta’ Carmelo Cutajar bl-istess kundizzjonijiet;

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici tal-21 ta’ Marzu, 2000, fejn oggezzjonat ghan-nomina tat-tekniku Carmelo Cutajar peress illi kien ha konjizzjoni ta’ din il-kawza qabel il-prezentata taghha;

Rat ir-revoka ta’ din il-Qorti bid-digriet tat-30 ta’ Mejju, 2000; u innominat minflok lil Christopher Colombo bl-istess kundizzjonijiet tan-nomina ta’ Carmelo Cutajar;

Rat ir-rapport tat-tekniku Christopher Colombo ipprezentat fit-3 ta’ Mejju, 2001, u mahluf fit-2 ta’ Ottubru., 2001;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi li l-konvenuta xtrat minghand is-socjeta’ attrici kcina u *breakfast table*, liema kcina u *breakfast table* kienu miksija b’wicc tal-granit maghruf bhala “Baltic Brown”.

Il-konvenuta oggezzjonat ghal dan l-granit peress illi dehrilha illi kien fih hafna hofor.  A Fol. 117, il-konvenuta tghid testwalnment li l-oggezzjoni taghha ghal dan il-granit huwa limitat biss ghal dan il-*pitting* jew fissuri illi fih, li jaghmlu t-tisjir u attivita’ ohra tal-kcina difficli.  Tghid ukoll illi hija *health hazard* peress illi jistghu jingabru xi *bacteria* f’dawn il-hofor.  Kien ghalhekk illi hija mmanifestat l-oggezzjoni taghha lis-socjeta’ attrici li min-naha taghha qalet illi mhijiex responsabbli peress illi l-granit jigi supplit mid-ditta Hal Mann.

La din l-ahhar ditta u lanqas is-socjeta’ attrici ma riedu jerfghu r-responsabbilta’ ghat-tibdil ta’ dan il-granit, li qalu illi ma fih xejn hazin.  Minhabba din il-kontroversja l-Qorti

nnominat tekniku sabiex jispezzjona dan il-granit u jirrelata lilha dwar il-kundizzjoni tieghu.

Ir-rapport tat-tekniku qieghed a Fol. 82 tal-process. F'din ir-relazzjoni, t-tekniku ddeskriva l-granit bhala "Baltic Brown" tip b'sahhtu hafna, pero' huwa wkoll materjal porus, li kien ifisser li l-granit ikun fih toqob zghar illi huma ta' originu naturali. Il-perit tekniku ghadda sabiex jaghti r-ragunijiet ghal dan il-*pitting* u l-kwalita' tal-granit u spicca biex qal fil-paragrafu numru 10 illi dawn il-hofor u *pitting*, "Huma perfettament normali u ma jfissrux illi huma difett."

Fil-fatt it-tekniku kompla spjega meta gie eskuss mill-avukat tal-konvenuta. A Fol. 86 ikompli jghid, "Hija xi haga rarissima illi minn dan it-tip ta' granit ma ssibx xi bicca li ma jkollhiex il-pori bhalma kellha l-konvenuta."

It-tekniku ghadda biex iddeskriva wkoll il-granit illi kien hemm fuq il-wicc tal-mejda u qal, "…difett illi fiha din il-mejda mhux xi haga kbira. Is-soltu gie li jkolli cirkostanzi fejn il-granit ikun imtaqqab b'mod aktar serju." It-tekniku qal ukoll illi dan il-granit, stante illi huwa tat-tip iebes hafna, normalment jintuza ghal barra. Spjega wkoll illi hija prassi normali illi dawn il-hofor jintlew bl-Epoxy, liema Epoxy hija xi haga permanenti u ma tinqalax.

Il-konvenuta gabet ukoll ix-xhieda tat-tekniku Carmelo Cutajar, originarjament nominat mill-Qorti fejn ikkonferma illi huwa kien ha konjizzjoni ta' din il-kawza meta kien ghadu mad-Dipartiment tal-Konsumatrur u kien irralaxxa certifikat a Fol. 108 fejn seta' jara illi dan il-granit kien ippittjat u kellu xi fissuri.

L-oggezzjoni ta' Cutajar kienet ghal fatt illi dawn il-hofor u fissuri setghu jservu ta' bejta ghall-*bacteria*. Pero' semma illi hija xi haga normali li f'dan it-tip ta' granit maghruf bhala "Baltic Brown" li jkun hemm dawn il-*pitting*. Hawn ukoll l-oggezzjoni ta' Cutajar ma kinitx tant ghal din il-kundizzjoni ghal fatt illi ma kinitx xi haga igenika illi jkollok dan it-tip ta' rham fuq bank tal-kcina. Qal ukoll illi llum hemm mezz kif jintelgha dan il-*pitting* billi jintefa r-*resin* go fih illi jkun iebes daqs il-gebla u mbaghad jigi *polished*

sabiex jigi wicc pulit.  Din il-procedura hija xi haga permanenti u ma tittikilx.

Iz-zewg esperti ma jaqblux bejnithom fuq dan il-punt. Filwaqt illi Christopher Colombo jghid illi biz-zmien dan l-Epoxy jista' jittiekel, Carmelo Cutajar jghid illi dan ix-xoghol huwa ta' natura permanenti.  Hi x'inhi, z-zewg esperti jaqblu pero' illi hija ntrinsika fil-granit "Baltic Brown" illi jkun hemm *pitting* u fissuri.

Ghalhekk, minn dan il-att, zgur illi ma jistax jinghad illi dan il-granit fih xi difett.  Jekk imbaghad dan il-*pitting* u fissuri ma gewx mghottija skond is-sena u l-arti hija xi haga ohra. Pero' bhala granit il-Qorti hija sodisfatta illi ma fih xejn hazin.

Minhabba n-natura teknika ta' din il-kawza, l-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiskarta r-relazzjoni tat-tekniku minnha nominat u ghandha l-konfort ta' gurisprudenza kostanti fejn jirrakommandaw bl-aktar mod serju li l-Qorti ghandha dejjem toqghod fuq il-konkluzjonijiet ta' l-esperti nominati minnha.

Fil-fatt f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet <u>Benjamin Camilleri Noe. Vs Charles Debattista Noe</u>. fit-2 ta' Frar, 2001, il-Qorti qalet li l-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn perit tekniku, bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti.  Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti.  Bhala regola huwa stabbilit anki mill-gurisprudenza, li l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta' perit tekniku minnha nominat ghaliex f'dik, kif inghad, tikkonstitwixxi prova ta' element importanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant.

Ukoll, <u>Carmelo Sciortino vs Helen u Joseph Camilleri</u>, Qorti ta' l-Appell 31 ta' Lulju, 1996, fejn hawn ukoll il-Qorti spjegat illi ma seghetx tinjora rapport ta' perit legali jekk mhux ghal ragunijiet validi u konvincenti bhal prova ohra jew konkluzjonijiet differenti milhuqa minn periti addizzjonali.

F’dan il-kaz ma gewx mahtura periti addizzjonali, u l-Qorti ghalhekk ghandha biss ir-relazzjoni tat-tekniku Christopher Colombo, kif konfermata in parte wkoll mit-tekniku, Carmelo Cutajar, migjub mill-konvenuta. Bhalma gia nghad, l-unika differenza illi hemm bejnithom tirrigwarda l-metodu kif gie ppolixjat il-granit. Dana pero’ ma jaghmilx lill-granit difettuz jew il-mod ta’ tqeghid tieghu mhux skond l-arti u s-sengha.

Irrizulta mill-provi, anki mix-xhieda tal-konvenuta stess, illi l-ucuh tal-kcina u tal-mejda gew mimlija b’xi speci ta’ xema’. Dana jista’ jkun l-Epoxy illi rakomandaw l-esperti. Dan l-Epoxy jidher pero’ illi ma giex ippolixjat bizzejjed peress illi baqa’ matt mentri l-bqija tal-granit ileqq. Forsi huwa l-kaz li kemm il-wicc tal-mejda kif ukoll il-wicc tal-kcina jigu ppolixajti mill-gdid.

Ghal dan il-Qorti sejra talloka cifra mahduma ‘arbitrio bono viri’ fl-ammont ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20). B’hekk il-Qorti sejra tiddisponi wkoll mill-kontro-talba tal-konventua.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenuta illi thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm221.55) ammont dovut mill-konvenuta ghall-bejgh u konsenja ta’ merkanzija.

Bl-ispejjez illi ghandhom jithallsu kwantu ghal tliet kwarti mill-konvenuta u kwart mis-socjeta’ attrici.

Anthony Zammit
Deputat Registratur